XGHAJRA

Minuti tal- laqgħa Nru.37 (Sebgħa u Tletin) tal-Kunsill Lokali Xgħajra li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill it-Tlieta, 18ta’ Settembru, 2012 fis-6.00pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Anthony R.Valvo |
| Viċi Sindku | Azzopardi Joseph |
| Kunsilliera | Buhagiar Mario |
| | Buttigieg Antonia |
| | Decelis M Claire |
| **L-Uffiċċjali:** | |
| Is-Segretarju | Ranier Busuttil |

1. Item Nru 1 fuq l-aġenda –Kullħadd preżenti.

2. Item Nru 2 fuq l-aġenda – Qari tal-minuti ta’ qabel – Il-minuti ġew moqrija w approvati. .

3. Item Nru 3 fuq l-aġenda – Matters arising mill-Minuti tal-laqgħa ta’ qabel:

3.1 Trasport ta’ l-isludge - Is-Sindku qal li l-kontenituri tat-trasport issa ġew issiġillati pero’ r-riħa tas-slug baqgħet xorta waħda. Hu qal li ltaqa’ ma’ wieħed mit-trakkijiet fir-triq u saq warajh biex jiċċekkja minħabba r-riħa u baqgħet l-istess. Wara dan il-każ huwa tkellem ma’ ta’ l-SSTP u tahom id-dettalji tat-trakk u sal-lum għadu ma hax risposta.

Is-Sindku qal li rridu nerġgħu nkellmu lill-uffiċċjali tal-SSTP biex jikkontrollaw l-speed eċċessiv li qedgħin isuqu bih it-trakkijiet.

3.2 Kwotazzjoni għal-Accountant – Il-kwotazzjoni ħarġet il-ġimgħa l-oħra u dehret fil-Malta Independent. Il-kwotazzjoni ser tagħlaq għada u s’issa rċevejna offerta waħda. Is-Sindku qal li minħabba l-urġenza ta’ l-accounts, ser jara meta nkunu nistgħu niltaqgħu ma’ l-applikanti u fil-każ nċemplu ħalli l-Kunsilliera li jridu jattendu jkunu jafu.

4. Item Nru 4 fuq l-Aġenda : Korrispondenza

4.1 Is-Sur Valvo qal li rigward il-laqgħa li kellna fit-3 t'Awwissu mas-Sur Charles Bonello bagħtna l-provi fejn urejna li mhux qiegħdin nieħdu flus biżżejjed għall-ispejjeż li għandna. Apparti hekk tkellimna fuq l-iskemi li applikajna għalihom li jammontaw għal €160,000 u qalulna li ser nieħdu li ħaqqna.

Fil-meeting is-Sur Bonello ried li nagħtuh dettali fuq id-differenzi bħal ġbir ta' skart, knis tat-toroq u latrina, kirjiet madwar €2,000 u pagi minħabba li għandna 2 Assistant Principals. Is-Sur Bonello talabna eżerċizzju fejn juri dawn id-differenzi fid-dettal.

Fiż-żmien li konna tkellimna meta kienet qed issir il-formula tal-allokazzjoni kien sar diskors li kunsilli li għandhom il-kosta jieħdu perċentwal żejjed minħabba depreciation. Il-Kunsill tax-Xgħajra mhux talli qatt ma ħa fondi żejda imma talli qedgħin nieħdu €40,000 anqas.

4.2 Is-Sindku tkellem fuq il-fencing ta' madwar il-proġett u qal li kif tkellem fil-laqgħat ta' qabel hu qiegħed f'kuntatt mas-Sur Chris Ciantar fejn qallu li jistgħu jgħinuna billi jagħtuna l-ammont ta' €3,000 għall-materjal pero' s-Sindku qiegħed jipprova li jagħmlulna l-istallazzjoni n-nies tal-Gvern ukoll.

5. Item Nru 5 fuq l-aġenda: L-infieq għax-xhar t'Awwissu 2012 ġie approvat.

6. Item Nru. 6 fuq l-Aġenda – Xogħol madwar ix-Xgħajra

6.1 Is-Sur Valvo qal li x-xogħol fuq il-holding walls tal-proġett ġie kkonfermat li ser isir mill-kuntrattur tat-Transport Malta li għandu period contract ma' l-Awtorita' u ser jibda fil-ġimgħat li ġejjin. Hemm kwistjoni fejn sabu li biex jidħol u joħroġ fis-sit bl-inġenji trid tissaħħaħ it-triq s'isfel għaliex inkella tisfronda. Dan ix-xogħol ser jiswa' €46,000.

Kien hemm il-ħsieb li ssir il-kumplament tat-triq s'isfel ukoll biex nagħmluha f'darba imma milli jidher hemm problema finanzjarja, għalhekk ma nkomplux nafsu fuqha u

nikkonfermaw il-parti ta' fuq biss kif kien miftiehem fil-bidu. Id-differenza ta' dan ix-xogħol hija ta' €14,000.

Il-kuntrattur diġa' lest biex jagħmel il-barriers u l-blokok u jkun jista' jibda bix-xogħol.

6.2 Is-Sindku qal li ġibna kwotazzjoni tal-katusi tat-8" biex jiġu nstallati fl-ewwel parti ta' madwar il-proġett tal-Belveder, liema stima ġiet tammonta l-fuq minn €1,000. Għalhekk irridu nordnaw dawn il-katusi u aktar tard naraw x'jibqa' għal kumplament ta' madwar in-naħa ta'fuq tal-belvedere. B'hekk inkunu nistgħu nagħlqu l-bankina li hemm fl-entratura tal-playing field u nkunu nistgħu npoġġu l-playing field equipment.

6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Ħamis li ġej ser ikollna laqgħa mal-Perit Charles Buhagiar fuq il-Proġett tal-Belveder u Playground.

7. Item Nru 7 fuq l-Aġenda – Monitoring Committee SSTP

7.1 Monitoring Committee – Is-Sur Valvo qal li l-laqgħa tal-Monitoring Committtee li jmiss ser issir fis-27 ta' Settembru fid-9.30am u bagħtna ittra lir-residenti li joqgħodu viċin l-impjant ta' Barkat.

7.2 Is-Sinjorina Decelis ġibdet l-attenzjoni sabiex il-Minuti tal-Monitoring Committee jibdew jitqassmu lill-Kunsilliera kif kien miftiehem.

7.3 Rigward il-landscaping is-Sindku qal li kellem liċ -Chairman tal-MEPA fuq dan ir-rigward u qallu li fadal l-aħħar irqaqat pero' ilna bl-istess verżjoni dawn l-aħħar 10 xhur. Id-drawings li talbu emendati il-MEPA ntbagħtu kollha u issa l-WSC qed jistennew l- approvazzjoni tal-permess.

8. Item Nru 8 fuq l-Aġenda – Affarijiet oħra

8.1 Is-Sinjura Antonia Buttiġieġ qalet li għandna bżonn naqtgħu il-ħaxix tal-proġett tal-Belvedere għaliex kiber ħafna u jidher li qisu abbandunat, u flokhom niżirgħu fjuri ta' l-istaġun biex isebbħu. Is-Sindku qal li ra xi pots għand il-Milord u qal

li jiġu sbieħ. Huwa ssuġġerixxa lil Kunsilliera sabiex imorru jarawhom ukoll u jgħidu x'jaħsbu fuqhom biex nordnawhom.

Is-Sindku qal li issa mportanti li l-ewwel ħaġa nagħmlu dawk il-katusi u l-bankina sabiex inkunu nistgħu niftħu l-proġett li issa jonqsu biss l-aħħar ftit. Il-parti t'isfel nistgħu nagħlquha u l-finishing tal-Hall isir aktar il-quddiem forsi jkunu ġew approvati l-iskemi li applikajna għalihom.

8.2 Is-Sur Joe Azzopardi qal li kellu diskussjoni ma' rappreżentanti tal-klabb tal-futbol fejn qalulu li bħala Kunsill ma tantx ngħinuhom. Is-Sindku qallu li l-Kunsill huwa marbut bil-liġi li ma jistax jagħti donazzjonijiet u din diġa' tkellem dwarha f'laqgħat oħra. Is-Sindku rrepeta dak li kien qal f'laqgħat preċedenti u qal li l-Kunsill riċentement kien ta' għajnuna kbira lejn il-Klabb tal-Futbol fejn ipparteċipajn f'attivitajiet ta' sports mal-Klabb. Is-Sindku qal li dan kollu kien spjegat u diskuss fl-laqgħat preċedenti u min jiġi avviċinat fuq dan is-suġġett għandu jsemmi li bħala Kunsill qiegħdin nkunu attivi fil-parteċipazzjoni tal-Lokal fil-qasam ta' sports relatat mal-klabb tal-futbol.

8.3 Is-Sur Valvo qal li l-problema tal-baħar u l-barges għadha l-istess u qed ikun hemm 12il-wieħed kuljum li jarmu fil-baħar max-xatt tax-Xgħajra. Dan ir-rimi kollu qiegħed jeqred il-baħar tax-Xgħajra fejn għaddasa professjonali qedgħin jilmentaw li qiegħ il-baħar intela' kollu ramel u blat vojt mingħajr ħaxix.

Is-Sindku qal li qiegħed ifittex id-dokumenti kollha li għandu fuq dan ir-rigward u l-kundizzjonijiet. Suppost darba fis-sena kellhom jispezzjonaw iż-żona biex jaraw hux qed isir xi dannu f'qiegħ il-baħar. Kien hemm proposta li ssir kundizzjoni li ssir buffer zone bil-bnadar fejn suppost jarmu.

8.4 Is-Sinjorina Claire Decelis ikkonsultat mad-Dipartiment x'passi jridu jittieħdu sabiex il-Kunsill iħejji għal talba formali għall-ġemellaġġ uffiċjali. Id-Dipartiment indika li jrid jitħejja rapport u li dan irid jintbgħat lid-dipartiment fejn il-Ministru responsabbli mill-Kunsilli jagħti l-kunsens tiegħu. Dan il-proċess jieħu 6 ġimgħat. Kien hemm qbil unanimu sabiex dan il-proċess jinbeda.

XGHAJRA

Is-Sindku qal li fil-mawra tal-Kunsill u residenti mix-Xgħajra ġewwa Colletorto il-grupp baqa' maqgħud u kulħadd ħa ipparteċipa f'kull attivita' li kien hemm. Is-Sindku qal li kulħadd kien ospitat tajjeb u saru skambji tajbin bejn ir-residenti taż-żewġt irħula.

Is-Sindku qal li issa Claire Decelis issottomettiet applikazzjoni oħra ma' Colletorto fuq attivita' bit-tema ta' l-isports, li fil-waqt li Colletorto ser ikun l-applikant prinċipali imma ser jieħdu parti gruppi kemm mill-Polonja kif ukoll minn Ċipru. It-timeframes ser ikunu s-sena d-dieħla. .

Claire qalet li villaġġ fi Franza (Barcares) xtaqu li naħdmu magħhom fuq proġett ta' l-EU fuq folklor u ssottomettejna l-applikazzjoni u qed nistennew konferma.

.

Claire talbet li jintbagħtulha f-Rapporti Finanzjarji ta' l-aħħar sentejn.

9. Item Nru 9 fuq l-Aġenda - Aġġornament

9.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata għat-Tlieta, 23 t'Ottubru, 2012, fis-6.00pm

, .

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

XGĦAJRA

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt